

# Kawża C-107/10

## Enel Maritsa Iztok 3 AD

vs

## Direktor “Obzhalvane i upravljenie na izpalnenieto” NAP

(talba għal deċiżjoni preliminari  
mressqa mill-Administrativen sad Sofia-grad)

“Rinviju għal deċiżjoni preliminari — VAT — Direttivi 77/388/KEE u 2006/112/KE  
— Rimbors — Terminu — Interessi — Tpaċija — Prinċipji ta’ newtralità fiskali u  
ta’ proporzjonalità — Protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi”

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tat-12 ta’ Mejju 2011 . . . . I - 3876

### Sommarju tas-sentenza

1. *Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta’ taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Ħlas lura tal-eċċess*  
(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2006/138, Artikolu 183)

2. *Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Ħlas lura tal-eċċess*  
(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2006/138, Artikolu 183)
3. *Dispożizzjonijiet fiskali — Armonizzazzjoni tal-liġijiet — Taxxi fuq id-dħul mill-bejgħ — Sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud — Tnaqqis tat-taxxa tal-input imħallsa — Ħlas lura tal-eċċess*  
(Direttiva tal-Kunsill 2006/112, kif emendata bid-Direttiva 2006/138, Artikolu 183)

1. L-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112/KE, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva 2006/138/KE, moqri flimkien mal-prinċipju ta' protezzjoni tal-aspettattivi leġittimi, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tistabbilixxi, b'effett retroattiv, l-estensjoni tat-terminu li fih għandu jsir ir-rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud eċċessiva mħallsa, sa fejn din il-leġiżlazzjoni ċaħħad lill-persuna taxxabbli mid-dritt, li hija kellha qabel id-dħul fis-seħħ tagħha, li tikseb interessi moratorji fuq l-ammont li għandu jiġi rimborsat lilha.
2. L-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva 2006/138, moqri fid-dawl tal-prinċipju ta' newtralità fiskali, għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi leġiżlazzjoni nazzjonali li tippovdi li t-terminu normali sabiex isir ir-rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud eċċessiva mħallsa, li fl-iskadenza tiegħu interessi moratorji jkunu dovuti fuq l-ammont li għandu jiġi rimborsat, jiġi mtawwal fil-każ li tinbeda proċedura ta' verifika fiskali, fejn il-konsegwenza ta' din il-proroga hija li dawn l-interessi jkunu dovuti biss mid-data li fiha din il-proċedura tiġi fi tmiemha, minkejja l-fatt li din it-taxxa fuq il-valur miżjud eċċessiva mħallsa tkun diġà s-suġġett ta' differiment matul it-tliet perijodi taxxabbli li jsewgu dak il-perijodu li abbażi tiegħu din tkun ġiet ikkonstatata. Min-naħa l-oħra, il-fatt li dan it-terminu normali huwa ta' 45

(ara l-punt 41 u d-dispożittiv 1)

ġurnata ma jmurx kontra l-imsemmija dispożizzjoni.

li r-rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud eċċessiva mħallsa jsir permezz ta' tpaċija.

(ara l-punt 61 u d-dispożittiv 2)

Fil-fatt, l-Istati Membri jgawdu minn libertà ċerta f'dak li jirrigwarda l-modalitajiet ta' rimbors tat-taxxa fuq il-valur miżjud eċċessiva mħallsa, sa fejn ir-rimbors isir f'terminu raġonevoli permezz ta' ħlasijiet fi flus jew b'mod ekwivalenti u li l-persuna taxxabbli ma tgħaddi minn ebda riskju finanzjarju.

3. L-Artikolu 183 tad-Direttiva 2006/112, dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud, kif emendata bid-Direttiva 2006/138, għandu jiġi interpretat fis-sens li dan ma jipprekludix

(ara l-punti 64, 67 u d-dispożittiv 3)